



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13640/23

LIMITE

CORLX 920
CFSP/PESC 1326
COAFR 337
CONUN 255
COARM 247

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK¹, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (“CAR”).
- (2) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2693 (2023). Dik ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi li l-miżuri ta' embargo fuq l-armi u r-rekwiżiti ta' notifika relatati ma għandhomx jibqgħu japplikaw għall-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat, u l-ġhoti ta' assistenza, pariri u taħriġ lill-forzi tas-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, inkluż l-istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/798/PESK jenħteġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51).

Artikolu 1

Fid-Deċizzjoni 2013/798/PESK, l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, il-punt (g) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u spare parts għal dawk imsemmija qabel, u l-għoti ta' assistenza, pariri u taħriġ relatati lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inkluż istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili; jew";

(2) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat minn qabel dwar it-twettiq ta' kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni kif permess fil-punti (a), (b), (c), (d), (f) u (i) tal-paragrafu 1."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President